


Vol. 2 Nru. 1 NOVEMBRU - DIĊEMBRU, 1965

EDITORJAL

# GĦALAQNA SENA

Din il-ħarġa timmarka l-"birthday" tal-ġurnal tagħna, u għalhekk il-lum inħarsu kburin lura lejn is-sena li għaddiet — l-ewwel waħda fil-ħajja tal-gazzetta tagħna — sena li għaddiet u ħalliet warajha ħafna tifkiriet sbieħ.




Ix-xogħol ta' din is-sena jidher fir-ritratt tas-sitt ħarġiet li deħru.
*(Ritratt: Falzon Studio - B'kara)*

L-ewelnett nirringrazzjaw 'l Alla li rnexxielna nkomplu għallinqas għall-ewwel sena dak li bdejna b'qalbna ttaqtaq. L-inizjattiva li ħadna ma kenitx ħaġa taċ-ċajt u, fuq kollox, kull bidu hu diffiċli. Kemm kienu d-diffikultajiet ma' tul din is-sena- Min jista' jgħoddhom? Diffikultajiet finanzjarji, diffikultajiet organizativi, diffikultajiet pubbliċitarji u ħafna u ħafna diffikultajiet oħra. Imma bil-bona volonta' tal-Board u b'xogħol iebes u bis-serjeta' dawn id-diffikultajiet kollha sa issa ġew megħluba.

Kien hemm min gerger u min ikkritika, kemm bi spirtu tajjeb u anki diżgrazzjatament bi spirtu ħażin. Kien hemm min ma apprezzax l-isforzi li saru kontinwament biex il-gazzetta tibqa' toħroġ u tinbiegħ. Kien hemm min ma għoġbitux ħaġa u min oħra. Fl-aħħar mill-aħħar fid-dinja xejn ma jista' jkun perfett.

Imma min-naħa l-oħra kien hemm ukoll min inkuraġġiena. Kien hemm ukoll ħafna kommenti favorevoli u sbieħ dwar il-livell għoli li laħaq il-ġurnal tagħna. Dawn kienu għalina ta' inkuraġġiment kbir, mhux għax aħna ħdimna għall-prosit tan-nies, imma kulħadd huwa bniedem u min jagħmillek il-qalb tridu, iktar u iktar fil-bidu ta' inizjattiva ġdida.

Kellna s-soddisfazzjon ukoll li noħolqu kuntatti importanti permezz tal-ġurnal tagħna ma personalitajiet għoljin. Ippruvajna mmexxu 'l quddiem xi bżonnijiet ta' pajjiżna kemm quddiem il-gvern kif ukoll fil-qasam soċjali u nistgħu ngħidu b'wiċċna minn quddiem li kull inizjattiva ta' fejda f'pajjiżna dejjem sabet l-ikbar appoġġ fil-ġurnal tagħna.

Aħna llum nipproponu li dak li għamilna s'issa nkompluh għalli ġej anzi nipperfezzjonaw dejjem iżjed u kemm nistgħu. U f'din l-okkażjoni ma jistax jonqos li nagħmlu appell speċjali lilkom Misidjani: kull ma nixtiequ hu li tgħinuna iżjed: ixtruha l-gazzetta, xerduha ma' kulħadd — ma għandux jibqa' familja fl-Imsida li ma tixtrihiex il-gazzetta kull darba li toħroġ. B'hekk tinkuraġġuna ħafna u aħna nwegħdukom li ma nonqsukomx.

U fl-aħħarnett kelma ta' ringrazzjament lil kull min għen: lilkom qarrejja, **lid-ditti li għenuna mhux ftit billi tawna r-reklami tagħhom**, lill-kollaboraturi, ħbieb, u benefatturi. Kelma waħda ngħidulkom: grazzi ta' l-imgħoddi; kuraġġ u nkomplu għal li ġej.

## ABBONAMENTI

Nixtiequ ngħarrfu lill-qarrejja tagħna kollha li b'din il-ħarġa jagħlqu l-abbonamenti għas-sena 1965. Għalhekk min irid jabbona fil-gazzetta tagħna huwa mitlub li jibgħat 2/6d bolli mhux użati lid-Distributur, 5, Church Street, Msida, jew inkella jikseb formola minn għand xi membru ieħor tal-Board.

**NIXTRU MINN GĦAND ID-DITTI LI QED IGĦINUNA BIR-REKLAMI TAGĦHOM**

## GARA TA' KULTURA RELIĠJUŻA

**Kulħadd għall-Istitut Kattoliku għall-ewwel parti bejn l-Imsida u Birkirkara. Ser jieħdu parti ħamsa min-nies tal-Parroċċa. Wara jkun hemm varjeta' ta' Talent Misidjan. Dħul huwa b'xejn u kulħadd huwa mistieden. Għall-kumdita' ta' kulħadd ser ikun hemm il-karrozzi minn quddiem il-Knisja. Biljetti jinkisbu minn għand is-Segretarju, Lino Bartolo, 5, Church Street, Msida, jew minn għand Miss Maria Gallo, Msida Sea Front, Msida.**

# DJARJU PARROKKJALI

## IMGHODDI

### AWISSU - SETTEMBRU

15 ta' Awissu:: Festa ta' Santa Marija.

5 ta' Settembru: Fil-Każin tal-Banda "Melita" saret seduta ġenerali li fiha telgħa, skond l-emendi li saru fl-Istatut, il-Kumitat il-ġdid.

13 sas-26 ta' Setembru: Saret b'suċċess fuq iz-zuntier tal-Knisja Parrokjali s-Sajda Mużewmina organizzata mill-membri tal-Mużew.

19 ta' Settembru: Fil-Knisja Parrokkjali saret il-festa ta' San Franġisk.

26 ta' Settembru: Festa tal-Konsagrazzjoni tal-Knejjes. Filgħaxija ġiet mogħtija fuq iz-zuntier il-Barka Sagramentali bħala konklużjoni tas-Sajda.

26 ta' Settembru: Msida Wolves rebħu lil St. Paul's, 1-0.

27 ta' Settembru: Fil-Msida Youth Centre saret quiz biex jingħażlu t-tfal li kellhom jirrappreżentaw lill-Imsida fil-"Quiz Madwar Malta". Wara ngħataw il-premjijiet.

## ĠEJJIENI

### NOVEMBRU - DIĊEMBRU

1 ta' Novembru: Pellegrinaġġ organizzat mit-Terz'Ordni Franġiskan għaċ-Ċimiteru ta' l-Addolorata.

2 ta' Novembru: Jum l-Erwieħ. Fil-Knisja Parrokkjali ssir Quddiesa Solenni de Requie għal ruħ is-Saċerdoti Misidjani mejtin.

3 ta' Novembru: Fil-Knisja Parrokkjali ssir Quddiesa Solenni de Requie għal ruħ il-Misidjani mejtin kollha. — Matul ix-xahar ta' Novembru jsiru l-uffizzjaturi tal-Fratellanzi u l-għaqdiet kollha.

7 ta' Novembru: Pellegrinaġġ għaċ-Ċimiterji ta' Wied Għammieq, tal-Ħabs u ta' l-Addolorata mas-Sorijiet Orsolini.

9 ta' Novembru: Fl-Istitut Kattoliku sejra ssir l-ewwel logħba ta' l-ewwel round tal-Gara Kultura Reliġjuża bejn l-Imsida u Birkirkara. Wara jkun hemm varjetà ta' Talent Misidjan. Il-Board Editorjali jixtieq suċċess lil min ser jikkompeti f'isem pajjiżna.

1 ta' Diċembru: Fis-Santwarju ta' Loreto tibda n-Novena tal-Madonna.

8 ta' Diċembru: Fil-Knisja Parrokkjali ssir il-festa tal-Kunċizzjoni. Filgħodu ssir Quddiesa Kantata filwaqt li filgħaxija jkun hemm il-purċissjoni.

10 ta' Diċembru: Festa tal-Madonna ta' Loreto għand l-Orsolini. Filgħaxija l-Kappillan imexxi pellegrinaġġ *aux flambeaux* mill-Knisja Parrokkjali għas-Santwarju, fejn ikun hemm il-Quddiesa, Tqarbin u Barka Sagramentali.

15 ta' Diċembru: Fil-Knisja Parrokkjali u fis-Santwarju ta' Loreto tibda n-Novena tal-Milied.

19 ta' Diċembru: Ħarġa Speċjali tal-Milied tal-gazzetta "L-Imsida".

# STATISTIKA

## IMGHODDI

### AWISSU - SETTEMBRU

**TWELID**

Twieldu 13-il tifel u 8 bniet.

**ŻWEĠIJIET**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Muscat Carmel - Debono Doris | 1. | 8. | 65 |
| Caesare Saviour - Cauchi Jane | 7. | 8. | 65 |
| Gouder Emm. - Amaira Maria | 11. | 8. | 65 |
| Brincat Peter - Grech Carmela | 14. | 8. | 65 |
| Refalo Laurence - Aquilina Rosina | 31. | 8. | 65 |
| Amaira Joseph - Cacciattolo Carmela | 5. | 9. | 65 |
| Barbara Carmel - Camilleri Julia | 8. | 9. | 65 |
| Falzon Joseph - Aquilina Julia | 12. | 9. | 65 |
| Board Joseph - Romano Joanna | 26. | 9. | 65 |
| Borg France — Debono Orlando | 26. | 9. | 69 |
| Cauchi Carmel - Zammit M. Lydia | 26. | 9. | 65 |
| Farrugia Anthony - Buttigieg Carmela | 28. | 9. | 65 |

**IMWIET**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Mahoney Julia (82 sena) | 14. | 8. | 65 |
| Bonnici Maria (5 minuti) | 2. | 9. | 65 |
| Rizzo Naudi Ġorġina (81 sena) | 2. | 9. | 65 |
| St. John Carmela (79 sena) | 6. | 9. | 65 |
| Chetcuti Ġuża (65 sena) | 15. | 9. | 65 |
| Meylaq France (76 sena) | 23. | 9. | 65 |
| Borg Anthony (63 sena) | 24. | 9. | 65 |
| Caruana Joseph (70 sena) | 28. | 9. | 65 |

# KTIEB GĦAĊ-ĊENTINARJU FUQ IL-PARROĊĊA

Għall-okkażjoni ta' għeluq il-mitt sena mit-twaqqif tal-Parroċċa tagħna, li jaħbat fit-2 ta' Marzu, 1967, l-Assistent Editur tal-gazzetta *L-Imsida*, is-Sur Lino Bartolo, qed iħejji ktieb mimli tagħrif storiku fuq il-Parroċċa tagħna. F'dan il-ktieb wieħed ser ikun jista' jsib tagħrif dettaljat fuq l-Imsida qabel ma kienet Parroċċa; imbagħad, l-ewwel tagħrif fuq il-Parroċċa tagħna bil-kappillani li ħadmu fiha matul dawn il-100 sena. Insibu tagħrif dettaljat fuq l-opri li nsibu fil-knisja tagħna. Barra minn hekk wieħed ser jsib ukoll tagħrif fuq il-għaqdiet kollha tal-parroċċa kif ukoll fuq il-postijiet ta 'interess li jinsabu fl-Imsida.

Fl-aħħar paġni ta' dan id-dokument storiku nsibu l-ismijiet tal-qassisin u reliġjużi li ħarġu mill-parroċċa matul dawn il-mitt sena. Biex dan il-ktieb ikun informativ kemm jista' jkun, l-awtur jixtieq jitlob lil min għandu xi tagħrif fuq l-affarijiet imsemmija biex jekk jista' jkun jgħadduhomlu mill-aktar fis possibbli.

Għalhekk għan-nom ta' l-awtur nirringrazzjaw bil-quddiem lil dawk li beħsiebhom jgħinuh.



## Postijiet ta' Interess fl-Imsida — 2

# LORETU TA' MALTA jew IL-KNISJA TA' L-ORSOLINI

Minn LINO BARTOLO



Huwa ta' unur kbir għalina l-Misidjani li t-tliet knejjes filjali li jinsabu fil-Parroċċa, huma kollha iddedikati lill-Madonna. U billi fi ftit żmien ieħor taħbat il-festa titulari ta' waħda minn dawn il-knejjes, ħassejna li jixraq li nagħtu lill-qarrejja tagħna xi ftit tagħrif fuq is-Santwarju ta' Loretu li jinsab fi Gwardamanġa.

Imma qabel xejn jixraq li nagħtu tagħrif dwar it-titolu mogħti lill-Madonna. Bħalma jidher mill-isem, is-santwarju jinsab f'Loretu, ġewwa l-Italja, imma l-fama tiegħu żgur li hija mxerrda ma' l-erbat irjieħ tad-dinja, u l-Papa Ġovanni XXIII għamel ukoll ħiltu u kompla ta qima lill-Madonna ta' Loretu meta huwa stess mar hemmhekk u reġa' poġġa fuq ras il-Madonna l-kuruna prezzjuża.

Skond it - tradizzjoni, f'dan is-santwarju tinsab id-dar fejn l-Arkanġlu Gabriel ħabbar lill-Madonna li kellha ssir Omm Alla, u li ġiet ittrasportata mill-anġli tliet darbiet u issa tinsab ġewwa Loretu. Ta' min isemmi li din id-dar imqaddsa tinsab bla pedament u l-ġebla li minnha hija mibnija ma tinsab imkien ġewwa l-Italja.

Id-devozzjoni lejn din id-dar xterdet u f'Malta wkoll tfeġġ bħal kewkba l-persuna tal-Fundatur tas-Sorijiet Orsolini, Mons. Isidoro Formosa li b'ħerqa u b'idea ispirata mis-sema xtaq li jibni santwarju lill-Madonna taħt dan it-titolu. Għall-ewwel huwa iddedika l-kappella li kellhom is-sorijiet, imma malajr ħass il-bżonn li jibni knisja akbar u sabiħa lir-Reġina tas-Sema. Biex jibda jkabbar din id-devozzjoni hawn Malta, huwa ġieb statwa tal-Madonna minn Loretu stess, u din għadha sal-lum meqjuma fis-santwarju, u f'kull 10 ta' Diċembru hija tittieħed f'pellegrinaġġ *aux flambeaux* mill-knisja parrokkjali.

Wara ftit inbeda x-xogol fil-knisja l-ġdida li waqaf għal tliet darbiet minħabba nuqqas ta' flus, imma kull darba reġa' tkompla sakemm tlesta. Għalkemm sa daż-żmien Mons. Formosa laħaq miet, sar kollox kif kien jixiteq hu. Il-knisja ġiet miftuħa b'festi solenni nhar id-9 ta' Ottubru, 1938. Mons. Gonzi ikkonsagraha fis-26 ta' April, 1950. Flimkien mal-knisja huwa wkoll ikkonsagra l-artal maġġur u dak ta' Santa Tereża. Ta' min isemmi li Mons. Isqof Mawru Caruana tant għoġbitu din il-knisja li huwa ta' spiss kien iżurha biex fuqha jibni l-knisja ta' San Girgor, li llum hija parroċċa.

Il-knisja hija wiesgħa 58 pied, twila 144 pied u għolja 66 pied, il-faċċata minn barra hija għolja madwar 120 pied. Ta' min isemmi li dan is-Santwarju huwa mogħni b'diversi opri sbieħ, fosthom insibu xogħlijiet ta' l-irħam maħdumin mid-ditta Ceccotti ta' l-Italja; insemmu wkoll l-istatwa titulari li nħadmet mill-Prof. Oscar Testa fl-1950 u tpoġġiet minflok l-antika li kienet żgħira; fuq rasha u fuq ras il-Bambin hemm żewġ kuruni tad-deheb u ħaġar prezzjuż. Il-knisja hi mżejna wkoll b'Via Sagra artistika, b'sett qniepen maħdumin mid-ditta Taylor ta' l-Ingilterra, statwi artistiċi, u dan l-aħħar saru wkoll il-loudspeakers, il-bankijiet tal-knisja u dawl modern.

F'din il-knisja jsiru l-festi liturġiċi kollha u b'mod l-aktar solenni l-festa tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù, li tagħlaq b'purċissjoni solenni mat-toroq ta' dawk l-inħawi. F'din il-knisja wkoll insibu tliet għaqdiet kattoliċi: il-Crusaders of the Blessed Sacrament, is-Sodality of Our Lady u l-Mużew. Barra minn hekk insibu wkoll Piccolo Clero, li jservi biex igħin fil-funzjonijiet kollha li jsiru f'dan is-Santwarju.

Bosta kienu dawk li fil-għawġ tagħhom resqu fi ħdan il-Madonna ta' Loretu, meqjuma f'dan is-Santwarju, u qalgħu dak li kienu jeħtieġu. Dan jixhdu l-fatt li għadd bla qies ta' devoti jiġu jwettqu l-wegħdi tagħhom mal-Madonna. Kun int ukoll, u meta taqla' xi grazzja għarraf biha lis-sorijiet jew inkella ċempel 26630, u int ukoll tkun qed tgħin biex tkompli xxerred id-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Loretu, li aħna nħossuna kburin li Santwarju dedikat lilha jinsab fil-parroċċa għażiża tagħna.

*For all kinds of*
**Fresh Vegetables, Pasteurized Milk, Frozen Foods and Groceries**
**visit the**
**SPLENDID STORE**
**Prop. J. M. FARRUGIA & SONS**
**53, D'ARGENS ROAD — MSIDA**
Orders by phone will be accepted with Free Delivery if you **Dial 32364.**

**Għand tax-**
**SCHAUB LORENZ**
*issibu t-23, 25, 27 u 45 inch Television*
*bi prezzijiet sensazzjonali*
**NORTHERN T.V. and RADIO SERVICE**
**TESTAFERRATA STREET**
**MSIDA**
Tel. No. 33531

# "L-IMSIDA"

**LEĦEN IL-PARROĊĊA**

*Abbonament għal sena:* Malta 2/6; Barra 4/-.

Stampat fl-"Empire Press" — Furjana.

**Vol. II, Nru 1** **Novembru - Diċembru, 1965**


## IL-BOARD EDITORJALI

F'għeluq is-sena tal-gazzetta, huwa xieraq li ngħidu xi ħaġa dwar dawk li, b'sagrifiċċju u mingħajr interessi, ħadmu matul din is-sena biex il-ġurnal joħroġ u jkun mill-aħjar. Lil dawn il-membri tal-Board nawgurawlhom li jkomplu l-ħidma tagħhom ta' fejda għal ħafna snin li ġejjin.

**DUN ĠUŻEPP MIFSUD, Direttur Spiritwali**



Twieled l-Imsida fl-10 ta' Diċembru, 1939. Studja l-Iskola tal-Gvern, il-Liċeo, u wara s-Seminarju u l-Università. Fis-7 ta' April, 1962, ġie ordnat saċerdot fl-età ta' 22 sena. Minn dak iż-żmien sa issa huwa Viċi u Del. tal-Katekiżmu fil-Parroċċa, Rettur tal-Knisja ta' l-Orsolini, Ass. Ekkl. taċ-Ċirkolu tal-Ġuvintur ta' l-Azzjoni Kattolika, u Chaplain tas-St. Joseph F.C.

**IS-SUR JOE FRIGGIERI, President u Editur.**



Twieled S. Venera fis-27 ta' Marzu, 1933. Fit-12 ta' Ġunju, 1955, iżżewweġ lis-Sinjurina Lucy Mercieca. Huwa proprjetarju tad-ditta 20th Century Import & Export Agency u ko-proprjetarju tal-magħrufa Dolċerija "Busy Bee". Dejjem wera inizjativa kbira filpajjiż. Huwa President tas-St. Joseph F.C., u membru tal-Kumitat Ċiviku. Hobbies: football u fotografija.

**IS-SUR CHARLES CASHA, Segretarju u Sports Editor.**



Twieled in-Naxxar fit-2 ta' Ottubru, 1940. Studja Stella Maris College u fit-Technical School, fejn għamel kors ta' electrician għal 3 snin. Fis-27 ta' Diċembru, 1964 iżżewweġ lis-Sinjurina Doris Gauci. Skrivan ma' Muscat's Garage. Kien segretarju u issa Awditur tas-St. Joseph F.C. Hobbies: Football, Kolezzjonista tal-badges tal-football u Record Keeper tal-Football.

**IS-SUR ALBERT MARSHALL, Kaxxier.**



Twieled H'Attard fid-29 ta' Diċembru, 1947. Studja s-Seminarju u issa Student tal-Letteratura fl-Università Rjali ta' Malta. Il-hobby tiegħu huwa l-Letteratura Maltija, li huwa jsegwi b'interess kbir. Jikteb ukoll xogħol letterarju bil-Malti. Promotur ta' għaqda tal-Letteratura Maltija għażżgħażagħ Misidjani, li għad li għadha fil-bidu qed taħdem ħafna għall-ilsien Malti.

# GĦALIKOM TFAL

"Mother's Day", "Father's Day", "Children's Day": kollha għamilniħom dawn il-festi din is-sena. Kollha kienu festi sbieħ u ferħana: ġranet ta' gratitudini u ġranet ukoll tar-rigali.

Imma llum irrid infakkarkom, tfal, f'dawk li ma setgħux din is-sena jagħmlu dawn il-festi! U tafu min huma dawn? Huma dawk it-tfal bħalkom li ma għamlux Mother's Day jew Father's Day għax il-papà jew il-mamà tagħhom jew it-tnejn huma mejtin. Hemm ukoll dawk li ma għamlux Children's Day għax tfal ħuthom jew ħbiebhom diġà mietu, forsi anki din is-sena stess.

U f'dawn it-tfal inqas fortunati minn oħrajn hemm bżonn li niftakru f'dan ix-xahar: Novembru, ix-xahar talmejtin. Niftakru fil-papà u l-mamà ta' xi tfal li konna nafu u li mietu u li għalhekk ħallewhom iltiema. Nagħtuhom rigal lil dawn it-tfal billi nuruhom li tlabna, u li qegħdin nitolbu b'mod speċjali matul dan ix-xahar, għall-għeżież tagħhom mejtin. Mhux hekk, fl-aħħar mill-aħħar konna nixtiequ aħna li kieku konna minn flokhom?

Tkunu mberkin, tfal!

DUN ĠUŻEPP.

**L-ISTORJA TAL-LUM**

## IL-FIERA

Il-fiera huwa posta ta' rikreazzjoni, imma mhux għal kulħadd, għax min ikollu lsienu jniggeż jikser difru. Hekk ġralu Wenzu, imma dan mhux kiser difru. Lil dan kissrulu l-iskutella ta' rasu. Tistaqsuni kif. Ingħidilkom.

Biex ibiegħed 'l ibnu millperikolu tat-traffiku, Wenzu ddeċieda li jieħdu salfiera. Marċellino ried itir bilferħ meta sab ruħu f'nofs dak il-ħafna logħob. U ngħiduha kif inhi, veru kien hemm x'tara. Għallinqas, ħaseb Wenzu, ibnu ma kienx fil-periklu. Kien sar il-ħin u kienu kważi ħerġin 'il barra, meta ftit 'il bogħod mill-bieb Wenzu ra folla ta' nies. Ġietu l-kurżità u mar jara x'ġara. F'nofs dik il-folla kien hemm raġel, b'rasu qargħa, għarqan, igħawweġ ħafna ħadid. Biex jara aħjar, Wenzu ddeffes u ġie quddiem. Meta r-raġel għawweġ kemm kellu imbarazz, ħares ħarsa madwaru, u...

"Nagħti ħames liri lil min jgħidli nagħmel xi ħaġa u ma nagħmilhiex".

L-idea tal-ħames liri lil Wenzu għoġbitu. L-unika ħaġa li ma setax jagħmel... iva, dik hi. "Mur aqta' xagħarek!" għajjat Wenzu. Kemm kien ikun aħjar għalih li kieku baqa' ħiereġ 'il barra, għax kif sama' hekk ir-raġel lagħblu daqqa fuq għajnu kif tmiss il-liġi.

IZ-ZIJU EDDIE.

**GĦAT-TFAL TA' L-ISKEJJEL SEKONDARJI**

## KOMPETIZZJONI

Jingħata premju għall-aħjar kitba li taslilna sa nhar il-Milied fuq is-suġġett: "Inħobb il-Milied". Kull kitba trid tkun ta' faċċata ta' pitazz u bil-Malti. Mal-kitba niżżlu isimkom, l-indirizz, l-età u l-klassi u l-iskola fejn tmorru. Ibagħtuhom lil Dun Ġużepp, Nru. 1, St. Louis Street, Msida. Tfal fi skejjel sekondarji biss jistgħu jidħlu għal din il-kompetizzjoni. Jekk ma jidħlux mill-inqas għaxart itfal (10) il-premju ma jingħatax. Mela għalina, tfal.

**IS-SUR LINO BARTOLO, Assistent Editur.**



Twieled l-Imsida fit-13 ta' Marzu, 1946. Studja Stella Maris College u St. Aloysius College u issa huwa student fl-Industrial Training Centre, il-Marsa. Kien Assistent Segretarju tal-Każin tal-Banda "Melita", u issa Ass. Seg. tal-Kumitat Ċiviku u Seg. tal-Gara Kultura Reliġjuża. Hobbies: ġurnaliżmu u xandir. Kittieb u preżentatur ta' xi radio features fuq ir-Rediffusion.

M.A.F.A. LEAGUE

# MSIDA WOLVES

It-team ta' l-Imsida Wolves, li din is-sena qed jieħu parti fl-Ewwel Diviżjoni tal-M.A.F.A. għall-ewwel darba fl-istorja tiegħu, lagħab l-ewwel żewġ logħbiet f'din id-diviżjoni kontra tnejn mill-aħjar teams tas-Section, fejn rebħu żewġ punti minn żewġ logħbiet.

Fl-ewwel ħarġa rebħu lis-St. Paul's tal-Valletta, imma tliet ġimgħat wara sabu l-istorja differenti u tilfu kontra Hamrun Leowe Opta; iż-żewġ logħbiet intlagħbu fix-Schreiber Sports Ground.

**Msida Wolves . . . . . . 1**
**Valletta St. Paul's . . . 0**

*(12 ta' Settembru, 1965)*

Fl-ewwel half l-Imsida Wolves urew l-aħjar logħob u fl-20 minuta skorjaw il-goal li tahom iż-żewġ punti meta l-goalkeeper tal-Belt Borg-Bonaci xxottja l-ballun dgħajjef, ħadu *Ritchie Cauchi*, u xeħtu fil-lasti bla tbatija.

Fit-tieni half is-St. Paul's għamlu kemm felħu biex isalvaw il-logħba b'attakki fuq il-lasti Misidjani; imma sabu lil Lino Mizzi f'burdata tajba jagħmel saves sbieħ.

Kif lagħbu: *Lino Mizzi; Alfred Galea, Tony Betts; Alfred Ellul, Louis Betts, Charles Sullivan; Anton Naudi, Ritchie Cauchi, Alfred Cutajar, Charles Buttigieg, Alfred Muscat.*

**Msida Wolves . . . . . . 1**
**Hamrun Leowe Opta . . 2**

*(3 ta' Ottubru, 1965)*

Wieħed jista' jgħid bla tlaqliq ta' xejn li t-team tal-Wolves kien veru sfurtunat li tilef dawn iż-żewġ punti. Ix-xorti ħaqrithom minn żmien qabel il-logħba meta Ellul, il-half-back regulari tagħhom, safa mweġġa; Joe Bond, li kellu jieħu postu, kien imweġġa' wkoll.

Fit-12-il minuta, Brincat, is-centre-forward Ħamruniż, ma ta ebda ċans lil Lino Mizzi jilqa', biex skorja l-ewwel goal.

Wara dan il-goal l-Imsida Wolves għamlu ħafna attakki perikolużi mingħajr ma setgħu jġibu goal; għall-kuntrarju, il-left wing Camilleri skorja t-tieni goal Ħamruniż wara li qabeż żewġ difensuri. Il-Wolves naqqsu l-marġni meta l-half back Sullivan ta pass lil *Alfred Cutajar* li b'xott sabiħ u b'saħħtu skorja l-uniku goal Misidjan.

Kif lagħbu: *Lino Mizzi; Alfred Galea, Tony Betts; Anthony Micallef; Louis Betts, Charles Sullivan; Anton Naudi, Joe Demarco, Alfred Cutajar, Ritchie Cauchi, Alfred Muscat.*



**Dan ir-ritratt deher f'gazzetta Awstraljana taħt ir-ras "A Proud Skipper". Paul Tanti hu t-tifel ta' Harry Tanti, ex-player tas-St. Joseph u Sliema Wanderers. Paul hu l-Captain tal-Pegasus Soccer Club ta' l-Awstralja li din is-sena rebħu l-'Advertiser Shield' għat-tieni darba fl-istorja tagħhom. Il-"Flying Horsemen", kif huma mlaqqmin fl-Awstralja, rebħu lil Monash 3—2 f'logħba interessanti li ntlagħbet f'Yallouan, l-Awstralja.**

## PLAYER MEETING

Nhar it-Tnejn, 6 ta' Settembru, il-players kollha ta' fuq il-kotba tas-St. Joseph iltaqgħu flimkien mas-supporters u l-membri tal-Club biex jiġu mlaqqgħin mal-Coach il-ġdid: is-Sur Victor Scerri.

Il-Player Meeting kien suċċess, għax kien hemm numru kbir ta' players preżenti. Wara li l-President u l-Coach kellmu lil dawk preżenti ,il-membri u l-players ħadu sorpriża kbira meta l-President, is-Sur Joseph Friġġieri, semma r-rebbieħ tal-"Footballer of the Year" tal-Club għas-sena 1964/65. Kulħadd ippretenda li l-President ser isemmi xi isem anzjan minn tat-III team, l-ogħla team li l-club għandu jikkompeti; imma għall-kuntrarju l-President f'isem il-kumitat tiegħu semma lil "HENRY MIFSUD", player tal-Minors. Għall-isem ta' Henry, il-players flimkien mal-membri sħabu nfexxu f'ċapċip kbir u kulħadd wera li l-għażla kienet mistħoqqha.

Qabel ma dawk kollha preżenti ngħaqdu f'reception mogħtija mill-Kumitat għall-okkażjoni, il-Captain tat-team, Lewis Betts, ippreżenta f'isem sħabu tat-team "Banner" bil-kuluri strixxi Homor u Bojod — il-kuluri tal-Club — lill-President u lill-kumitat tiegħu.


BUSY BEE

SPEĊJALITA'
GĦAL ŻMIEN IL-MILIED
Varieta' kbira ta' Fancv Cakes
Christmas Cakes u Sufflejiet
ta' kull għamla u daqs
u elf ħaġa oħra
SERVIZZ MILL-AĦJAR
BI PREZZ MODERAT
*Aħseb kmieni biex ma jiddispjaċikx!*
L-IMSIDA Tel. 31738

# SPORTS

**Minn CHARLIE CASHA**

## FIXTURES

**Dawn li ġejjin huma l-fixtures kollha tat-IIIrd Division League, IIIrd Division Knock Out u Minor League tal-M.F.A. għall-istaġun 1965/1966, li jinvolvu fihom lit-team Misidjan "St. Joseph". Il-logħbiet kollha jsiru fix-Schreiber Sports Ground, Raħal il-Ġdid. Ikun hemm "private" li twassal is-supporters sal-bieb tax-Schreiber, li titlaq mill-Każin ta' l-Imsida siegħa qabel il-ħin imsemmi għal kull logħba.**

### III DIVISION LEAGUE

| *Data* | *Teamijiet* | *Hin* |
|---|---|---|
| 17. 10. 65 | St. Joseph vs. Żurrieq | 3.30 p.m. |
| 7. 11. 65 | Senglea A. vs. St. Joseph | 10.45 a.m. |
| 5. 12. 65 | Vittoriosa S. vs. St. Joseph | 10.45 a.m. |
| 19. 12. 65 | St. Vennera L. vs. St. Joseph | 10.45 a.m. |
| 2. 1. 66 | Żejtun C. vs. St. Joseph | 10.45 a.m. |

### 2nd ROUND

| | | |
|---|---|---|
| 16. 1. 66 | Żurrieq vs. St. Joseph | 8.15 a.m. |
| 6. 2. 66 | St. Joseph vs. Senglea A. | 8.15 a.m. |
| 27. 2. 66 | St. Joseph vs. Vittoriosa S. | 9.30 a.m. |
| 20. 3. 66 | St. Joseph vs. S. Vennera L. | 9.30 a.m. |
| 10. 4. 66 | St. Joseph vs. Żejtun C. | 10.45 a.m. |

### III DIVISION K.O. (1st Round)

| | | |
|---|---|---|
| 19. 5. 66 | Naxxar L. vs. St. Joseph | 9.30 a.m. |

### MINOR LEAGUE

| | | |
|---|---|---|
| 23. 10. 65 | St. Joseph vs. Żurrieq | 2.15 p.m. |
| 12. 12. 65 | Senglea A. vs. St. Joseph | 3.30 p.m. |
| 9. 1. 66 | Vittoriosa S. vs. St. Joseph | 3.30 p.m. |
| | St. Vennera vs. St. Joseph | 2.15 p.m. |
| 3. 4. 66 | Żejtun C. vs. St. Joseph | 2.15 p.m. |

Bħalma wieħed jista' jinnota mill-fixtures ta hawn fuq, it-teamijiet tat-III Division u l-Minors tas-St. Joseph ser jilagħbu kontra Żurrieq, Senglea A., Vittoriosa S., St. Vennera L., u Żejtun C. Ma' dawn it-teamijiet, it-team tagħna diġà lagħab drabi oħra f'dawn l-aħħar tlitta-il sena, barra kontra Żejtun C. fit-III Division, li kontra tiegħu qatt ma kellhom fixtures.

Hawn ġbart għalikom ir-riżultati kollha bejn dawn it-teamijiet għall-aħħar tlittax-il sena.

### III DIVISION LEAGUE

**St. Joseph vs Żurrieq**

| | *1st Rd.* | *2nd Rd.* |
|---|---|---|
| 1964/65 | 0—1 | 1—0 |
| 1958/59 | 1—1 | |
| 1960/61 | 0—2 | 0—0 |
| 1956/57 | 1—1 | |

1952/53 L-Imsida tilfu 0—2 wara (0—0) fin-K.O. (1st Rd.).
1964/65 L-Imsida rebħu 3—1 fin-K.O. (1st Rd.).

**St. Joseph vs. Senglea A.**

| | *1st Rd.* | *2nd Rd.* |
|---|---|---|
| 1956/57 | 1—0 | |
| 1957/58 | 2—0 | |
| 1958/59 | 5—0 | |
| 1961/62 | 0—1 | 0—1 |
| 1962/63 | 0—1 | 1—2 |
| 1964/65 | 0—0 | 1—1 |

1956/57 L-Imsida rebħu 1—0 fil-Q.F. K.O..

**St. Joseph vs. Vittoriosa S.**

**2nd Division**

| | *1st Rd.* | *2nd Rd.* |
|---|---|---|
| 1952/53 | 0—2 | |
| 1953/54 | 0—2 | |
| 1954/55 | 2—4 | |

**3rd Division**

| | | |
|---|---|---|
| 1952/53 | 1—1 | |
| 1953/54 | 0—1 | |
| 1954/55 | 0—5 | |
| 1961/62 | 1—1 | 0—0 |

**St. Joseph vs. St. Vennera**

| | *1st Rd.* | *2nd Rd.* |
|---|---|---|
| 1955/56 | 2—0 | |
| 1957/58 | 2—1 | |
| 1960/61 | 1—0 | 2—2 |
| 1961/62 | 3—0 | 1—1 |
| 1962/63 | 1—2 | 0—0 |
| 1963/64 | 0—0 | 1—0 |

1956/57 L-Imsida rebħu 3—2 fin-K.O. (1st Rd.).

# ESPERJENZA ĠDIDA

Il-ġurnata tat-8 ta' Settembru taħbat Festa Nazzjonali, u l-biċċa l-kbira kulħadd ikun bla xogħol. Imma għall-coach u l-players tas-St. Joseph kienet mod ieħor, għax dak in-nhar is-Sur Scerri ħataf l-okkażjoni u ħa l-players tiegħu għal nofs ta' nhar training fuq ir-ramel ġo Għajn Tuffieħa.

### MINOR LEAGUE

**St. Joseph vs. Żurrieq**

| | |
|---|---|
| 1957/58 | 1—0 |
| 1964/65 | 2—0 |

**St. Joseph vs. Senglea A.**

| | |
|---|---|
| 1957/58 | 1—1 |
| 1959/60 | 0—0 |
| 1962/63 | 0—0 |
| 1963/64 | 3—0 |
| 1964/65 | 0—0 |

**St. Joseph vs. Vittoriosa S.**

| | |
|---|---|
| 1952/53 | 0—2 |
| 1954/55 | 1—0 |

**St. Joseph vs. St. Vennera**

| | |
|---|---|
| 1953/54 | 0—0 |
| 1955/56 | 0—0 |
| 1961/62 | 0—0 |
| 1962/63 | 0—1 |
| 1963/64 | 2—0 |

1956/57 L-Imsida tilfu 2—3 fin-K.O. 1st Rd.

**St. Joseph vs. Żejtun C.**

| | |
|---|---|
| 1952/53 | 3—0 |
| 1958/59 | 0—1 |
| 1959/60 | 2—1 |

1952/53 L-Imsida rebħu 3—0 fin-K.O. 1st Rd.

Fil-qosor it-teamijiet iffiguraw hekk:

**III RD. DIV.**

vs. ZURRIEQ

| | L. | R. | D. | T. | F. | K. |
|---|---|---|---|---|---|---|
| vs. **Zurrieq** | 9 | 2 | 4 | 3 | 6 | 8 |
| vs. **Senglea A.** | 10 | 4 | 2 | 4 | 11 | 6 |
| vs. **Vittoriosa** | 8 | 0 | 3 | 5 | 4 | 16 |
| vs. **S. Vennera** | 11 | 6 | 4 | 1 | 16 | 8 |
| vs. **Zejtun C.** | — | — | — | — | — | — |

**MINORS**

| | L. | R. | D. | T. | F. | K. |
|---|---|---|---|---|---|---|
| vs. **Zurrieq** | 2 | 2 | 0 | 0 | 3 | 0 |
| vs. **Senglea A.** | 5 | 1 | 4 | 0 | 4 | 1 |
| vs. **Vittoriosa** | 2 | 1 | 0 | 1 | 1 | 2 |
| vs. **S. Vennera** | 6 | 1 | 4 | 1 | 4 | 3 |
| vs. **Zejtun C.** | 4 | 3 | 0 | 1 | 8 | 2 |

★

### FOOTBALLER OF THE YEAR



Għat-tieni sena konsekutiva fil-Club tas-St. Joseph ġie organizzat il-Footballer of the Year. Din is-sena b'sorpriża ġiet mirbuħa mill-player Henry Mifsud, player tal-Minors, għalkemm xi drabi ħa sehem mat-3rd Division team.

Henry twieled fl-Imsida fil-15 ta' Jannar, 1948, u fletà ta' tlittax-il sena irreġistra għall-ewwel darba mas-St. Joseph, fejn lagħab l-ewwel logħba mal-Minors fid-draw ta' 0—0 kontra s-St. John ta' l-Imsieraħ; dan kien fis-sena 1961.

Fl-istaġun 1964/65 Henry lagħab il-logħbiet kollha mal-Minors u ħafna logħbiet mit-tieni round tat-3rd Division league, u fit-3rd Division K.O. Final kontra Żabbar (0—1).

Henry Mifsud kien il-left-inside tal-"Combined Secondary Schools XI" għal kontra "Antal Pallavicini", team Taljan ta' l-iskejjel, fejn il-Maltin rebħu 3—0.

Ir-rebbieħ ta' l-1964 "Msida Footballer of the Year" kien Lewis Betts.

### ST. JOSEPH JIRBĦU LIŻ-ŻURRIEQ

Nhar is-Sibt, 23 ta' Ottubru, il-Minors tas-St. Joseph rebħu liż-Żurrieq — rebbieħa tas-Section C tas-sena l-oħra — 1—0, b'goal ta' *Joe Sammut* fil-logħba tal-League.

**G. GIORDANO**
**JEWELLER**
**Crystal Dealer**
*76, RUE D'ARGENS MSIDA*
Res.: Dial 34527

## NIFIRĦULHOM



Fis-16 ta' Ottubru sar żwieġ bejn is-Sur Duminku Tabone u s-Sinjurina Rose Agius, it-tnejn mill-Imsida. Il-Kappillan għamel il-funzjoni.

Ix-xhieda kienu s-Sur Saviour Micallef u s-Sur Joseph Azzopardi. Il-bridesmaids kienu Miss Josephine Agius, Miss Rita Tabone u Miss Lilian Azzopardi. Wara ċ-ċerimonja fil-Knisja, fejn l-għarajjes semgħu l-kelma tas-saċerdot u rċevew il-Barka t'Alla, huma marru għar-reception flimkien mal-familji tagħhom u mal-ħbieb fis-Savoy Hotel. Aħna nifirħulhom u nawgurawlhom.

## KOMPETIZZJONI SPEĊJALI GĦALL-MILIED

Il-Board Editorjali ta' dan il-ġurnal qed iniedi kompetizzjoni speċjali għall-Milied. Din hija t-tieni sena li dan qed isir wara s-suċċess li kellna s-sena l-oħra. Il-kompetizzjoni tkun għall-aħjar dekorazzjoni fi spirtu kattoliku tal-Milied.

**REGULAMENTI**

1. Id-dekorazzjoni trid tkun tidher minn barra.
2. Il-ġurija tkun magħmula minn 5 sinjuri *minn barra l-pajjiż.*
3. Il-kompetizzjoni ma ssirx jekk ma jkunx hemm mill-inqas 10 applikazzjonijiet validi.
4. Id - dekorazzjonijiet jiġu eżaminati bejn il-Milied u l-Ewwel tas-Sena.
5. Min jagħmel xi alterazzjoni fi żmien il-kompetizzjoni jiġi skwalifikat.
6. Applikazzjonijiet li jittieħdu minn għand il-membri tal-Board għandhom jaslu lill-Editur mhux aktar tard mill-20 ta' Diċembru.
7. Jitħallas dritt tad-dħul ta' 2/6d ma' kull applikazzjoni.
8. Ir-rebbieħ tal-kompetizzjoni tas-sena 1964 ma jistax jerġa' jieħu sehem.
9. Jingħata premju sabiħ li jitħabbar f'ħarġa oħra.
10. Id-deċiżjoni tal-ġurija tkun finali.

Il-Misidjani kollha li joqogħdu l-Imsida, tal-Pietà u Gwardamanġa huma mħeġġa ħafna biex jieħdu sehem. Dan qed isir biex noħolqu f'pajjiżna l-isbaħ atmosfera possibbli fil-Milied li ġej — jekk jirnexxielna, ingawdu aħna u jkun ta' ġieh għal pajjiżna, kif ukoll ta' eżempju għal ħaddieħor. Mela kuraġġ u kulħadd jikkoopera mill-aħjar li jista'.

**NATIONAL MARINE CENTRE**

TESTAFERRATA STREET - MSIDA
Tel. 32747

***L-istabbiliment fejn issibu inġenji tal-baħar, fosthom makni, dinghies u Speed-Boats tal-Fibre Glass u anki kull xorta ta' Aċċessorji u Spare Parts.***

**E. MAISTRE**

of

162, BRITANNIA STREET,
VALLETTA
Tel. 24888

for

*STATIONERY — PRINTING*
*RUBBER STAMPS — TOYS*

**20th Century**
**IMP. & EXP. AGENCY**
84, ST. JOHN STREET - VALLETTA

SOLE AGENTS FOR

**ALL LESA PRODUCTS**

**OFFER 15 % DISCOUNT**

ON ALL LESA PRODUCTS

DURING NOVEMBER - DECEMBER

PROVIDING YOU SHOW THIS ADVERT

Phone: 21873

# PAĠNA LETTERARJA

## IRRID INGĦIX!

**Ta' M. C. SPITERI**

"Miskin, Fredu!" qal Toni Tewma bid-dieqa, waqt li ħalla taqa' fuq is-sodda l-gazzetta li kienet silfitu s-Soru. Kien għadu kemm qara kif dak in-nhar kienu sabu f'Ta' Xbiex il-katavru tal-ħabib tiegħu Fredu Tristi minn Binġemma. Fredu Tristi kien għex imdejjaq u dejjem qata' qalbu mit-tweġħir tal-ħajja. Sa minn meta kienu tfal flimkien fil-bank ta' l-iskola ta' l-Imdina.

U issa mejjet! Imgħarraq!

Tassew li l-ħajja kienet tagħtu fuq wiċċu.

Forsi lilu, lil Toni, il-ħajja ma kenitx ħaqritu? Żagħżugħ fl-aħjar tiegħu, fit-tieni sena ta' l-Università, hieni ma' ommu u missieru, jistudja biex isir qassis. U issa, ħabta u sabta, f'nofs il-btala tas-sajf, daqsxejn ta' inċident bil-karrozza, missieru mejjet u ommu bil-Griżma. U hu mingħajr idu l-leminija. U llum kienet ġejja operazzjoni oħra, ferm iżjed serja minn dik tal-qtugħ ta' idu. Ħamsin fil-mija jibqa' taħtha...

"Imma le!" qal Toni taħt ilsien. "Ma rridx immut".

Il-ġejjieni kien ikreh tassew. Qassis ma jsirx, u ħafna xogħol ma kienx ikun jista' jaħdmu. U x'aktarx il-ħsara li saritlu minn ġewwa kienet ser tibqa' tħabbtu ħajtu kollha. (Jekk jeħles minn din l-operazzjoni!) Imma fil-ħajja kien hemm ħafna toroq oħra x'jagħżel żagħżugħ bħalu mimli kuraġġ. Bdew għaddejjin quddiem għajnejh ħafna ħsibijiet ta' futur sabiħ. U f'dawn il-ħsibijiet raqad...

*　*　*

Stembaħ f'salt biex isib l-infermieri, sorijiet u tobba mdawrin miegħu fis-sala operatorja. Kien wasal il-waqt ikreh.

Hass bħal vojt f'qiegħ l-istonku bil-biżgħa li qabdu f'daqqa waħda. Għax il-mewt hekk qrib tkexkex lill-qalbiena wkoll. Iżda malajr ħakem il-paniku li kien ser iġorru miegħu. Qal talba żgħira: "Madonna tal-Karmnu ħarisni! San Ġużepp ħarisni!"

Imbagħad għamel sinjal lit-tabib. Meta dan resaq maġenbu qallu taħt ilsien: "Tabib, irrid ingħix! Irrid ingħix!"

It-tabib għafaslu idu. U f'dak il-ħin qiegħdulu l-maskra ta' l-etere fuq wiċċu.

Kienet operazzjoni twila u tqila, u għal sagħtejn sħaħ Toni kien jilgħabha mal-mewt. Meta fl-aħħar il-professur neħħa l-maskra u xxotta l-għaraq, ħa nifs qawwi. Is-soru ħarset lejh b'ħarsa ta' mistoqsija.

"Ifieq", qal it-tabib. "Igħix għax ried igħix!"

### LILL-HOLQIEN

Il-jum, is-sebħ:
Fil-għodu mat-tbexbix
Il-bjuda qamrenija
Qajl qajl tinħall, tintemm:
U tfeġġ minn fuq ix-xefaq
Ix-xemx, il-qalbenija...
Il-ħmura tan-natura.

Il-baħar ċass jitbewwes
Jitgħannaq max-xtajtiet
Insatru f'ġufu l-ħlejjaq:
Sħabiet, kwiekeb u qmura.
Il-ħmura, l-bjuda, l-ħdura,
Kull lewn jilqagħlek fih
Li jaqa' mis-smewwiet.

Is-sema daqqa safja
U oħra baħħ imċejpar
Taraha tiħmar, timtela
Bin-nar, nar is-smewwiet.

Id-dawl ukoll ġie jżurna
U tnaffar il-għixien.
Il-għagħa tan-nies tinstama'
Qed tidwi mal-ħolqien.

Il-jum malajr jidbiel
U mewtu trieġa d-dalma...
Is-skiet f'dal-ħin isaltan
Fil-qalb ta' kull maħluq

U issa jiġi Alla,
Għax Hu fis-skiet jistejqer
Imur iżur l-imdejjaq
Biex sabru jerġa' jroddlu
u jħeffu minn dnubietu.

Ġie wkoll f'familja tajba
U kattar l-hena u s-sliem
Biex tikber lejh l-imħabba;
U hekk jissokta jsaħħaħ
Il-għaqda ta' bejniethom.

Ukoll ġo djar imbegħda
Hemm l-hena f'żewġt iqlub
Li qed jistennew l-għada
Biex qalbhom tinfexx
tgħanni
Imħabba għal xulxin.
U jibqgħu t-tnejn qalb
waħda.
Mal-mixi sfiq tas-snin.

CHARLES AZZOPARDI.

### AVVIŻ

**GĦALL-BEJGĦ:** Second hand tape-recorder Wyndsor International kompit b'record player għar-recording dirett. Prezz £60 jew l-eqreb offerta. Miegħu jingħataw b'xejn 6 reels tape. Applikaw: Busy Bee, l-Imsida.

## R. I. P.



B'tifkira għażiża ta' **Joseph Balzan** li miet l-Imsida nhar is-17 ta' Marzu, 1965, fl-eta' ta' 49 sena. Qatt minsi mill-familja tiegħu, qrabatu u ħbiebu. — R.I.P.



B'tifkira għażiża ta' **Nazju Sciberras** fit-tieni anniversarju minn mewtu li ġrat fit-18 ta' Diċembru 1963. Qatt minsi mis-seba' wliedu, fosthom Madre Marija Stella ta' l-Ursolini u bosta neputijiet, qraba u ħbieb.

Mulej, agħtih il-mistrieħ ta' dejjem.

**Jekk tridu trabbu flieles għan-negozju u taqilgħu l-flus minnhom ixtru mill-**

**WEMBLEY STORE**

**KINGSWAY - VALLETTA**

Cobb

WELP'S WELP-LINE LAYERS

**Flieles li jekk ikunu mrobbija tajjeb, f'għaxar ġimgħat jistgħu jaslu biex jiżnu ċirka ratlejn il-wieħed.**

**Għawwietaq bojod jew ħomor li jieklu ftit u jbidu ħafna.**

Għal informazzjonijiet oħra irrikorru fl-ewwel sular tal-

**WEMBLEY STORE**

**KINGSWAY - VALLETTA**

jew ċemplu:

**25148 - 26631**

***Il-WEMBLEY STORE huwa magħruf biżżejed għall-flieles li jbiegħ.***

*Kumitat Ċiviku Msida-Pieta'*

# L-IMSIDA MGĦARRQA



Copyright: *"Times of Malta"*

**Nhar l-Erbgħa, 13 ta' Ottubru, l-Imsida tinsab imgħarrqa taħt il-wied ta' l-ewwel xita.**

Il-Membri tal-Kumitat Eżekuttiv għal ftit ma kellhomx imorru bid-dgħajjes għal-Laqgħa tal-Kumitat Ċiviku li saret fid-19 ta' Ottubru. Il-ġurnata ta' qabel l-Imsida kienet qisha Venezja bid-differenza li d-djar ta' x'uħud mill-imsejkna Misidjani kienu mgħarrqin ukoll bl-ilma maħmuġ minħabba li kien tħallat ma' dak tad-drenaġġ. Dan barra l-ħsarat li setgħu saru fil-bini, għamara u installazzjonijiet ta' l-elettriku.

Fil-laqgħa msemmija fuq, il-Kumitat iddiskuta fit-tul dwar dan l-inkonvenjent u fuq x'passi meħtieġa għandhom jittieħdu anki fuq bażi temporanji biex jekk tagħmel iżjed xita fil-viċin dan ma jerġax jirripeti. Tant hu hekk illi diġà nfetħet korrispondenza mal-Ministeru tax-Xogħlijiet u Djar fejn il-Kumitat talab biex kemm jista' jkun immedjatament jittieħdu miżuri temporanji.

Kif kulħadd jaf, din hija problema kbira li fuqha l-Kumitat diġà ħa xi pariri professjonali. Il-ħsieb tal-Kumitat hu li jaħtar Kummissjoni biex tistudja din il-problema mill-viċin u b'aktar dettalji u tagħmel rapport li l-Kumitat iressaq quddiem l-Awtoritajiet ikkonċernati.

Dwar id-drenaġġ, il-Kummissjoni maħtura aktar kmieni issa lestiet ir-rapport tagħha u bħal issa qiegħed jiġi studjat mill-Kumitat li beħsiebu jressqu quddiem il-Gvern ma jdumx.

Dawk kollha li jkunu jridu jressqu xi lmenti jew għandhom xi suġġerimenti x'jagħmlu, għandhom jindirizzaw l-ittri tagħhom lis-Segretarju fi 28, Valley Road, Imsida.

## QUIZ MADWAR MALTA

It-Tnejn, 5 ta' Ottubru, fil-Msida Youth Centre sar ir-recording tal-programm "Quiz Madwar Malta" li ħadu sehem fih tfal mill-Imsida kontra dawk ta' Ħal Kirkop. It-team ta' Ħal Kirkop ħareġ tellief kontra t-team tagħna li deher ippreparat tajjeb ħafna fis-suġġetti kollha. Aħna nifirħu lil kull min ħa sehem u nixtiequ nibdew sena ġdida b'rebħa oħra kontra t-team tal-Mosta. Il-logħba tintlagħab fl-ewwel tas-sena. Mill-ġdid prosit u *keep it up!*

## KORRISPONDENZA

Msida, 11. 7. 65

Sur Editur,

Ma nistax nifhem x'għandu x'jaqsam ma' l-Imsida l-Kavalier Dimech DeBono biex iddedikajtlu faċċata sħiħa fin-numru ta' Lulju.

Il-ġurnal tagħna hu ċkejken u joħroġ biss darba kull xahrejn. Ta' min jistenna għalhekk li fih jidhru biss artikoli ta' interess għall-Misidjani.

Jekk m'għandniex letterati Misidjani, aħjar ma tippubblika xejn profili. Minn flokhom nissuġġerixxi xi ħaġa li tħajjar lill-Misidjani jiktbu. Ngħidu aħna xi konkors ta' novelli, jew essays għat-tfal ta' l-iskola.

M. C. SPITERI.

*Nota ta' l-Editur: Ir-risposta għall-ewwel paragrafu ta' l-ittra ssibha fl-artikolu li int qed tirriferi għalih. Dwar is-suġġerimenti tiegħek, napprovawhom, u kull kitba tiġi apprezzata. Appell dwar dan diġà deher fil-ġurnal, imma ma kien hemm l-ebda tweġiba inkuraġġjanti. — L-Editur.*

**ŻOMMU L-IMSIDA NADIFA**

COLOR
COLOR
COLOR
Your prints in
*natural true life colour*
Developing and Printing
of
KODAK
COLOUR FILMS
5 DAY SERVICE 5

ARTCOLOR STUDIOS
KINGSWAY PALACE
55, KINGWAY
VALLETTA

# VARJETA'

## IV MSIDA SONG CONTEST

**Minn F. E. R.**

Nhar il-Hadd, 10 ta' Ottubru, fis-Sala ta' l-Iskola Primarja ta' l-Imsida, iż-Ż.H.N. organizzaw ir-Raba' Song Contest. Quddiem sala maħnuqa bin-nies, sittax-il tifla u tifel interpretaw il-kanzunetti tagħhom, akkumpanjati minn Oliver & His Band. Is-sittax-il parteċipanti kienu mqassma f'żewġ gruppi: l-ewwel grupp bejn il-10 u l-15-il sena; u t-tieni wieħed bejn il-5 u l-10 snin. Il-compere kien Charles Micallef. Il-ġurija kienet komposta minn Mrs. Rose Francalanza, Mro. Carmelo Zammit u s-Sur Albert M. Cassola.



*(Falzon Studio, B'kara)*

**Fir-ritratt jidhru ż-żewġ rebbieħa, Paul Stone u Edward Darmanin, wara li ġew mogħtija r-rigali tagħhom.**

Din is-serata fetħet b'diskors miċ-Chairman tal-M.S.C. Board, is-Sur Reno Vella. Wara li kantaw it-tfal, il-kummiedjanti Ch. Clews u J. Navarro ippreżentaw żewġ sketches ħelwin ħafna. Il-guest singers Carmen Xerri u Arnold Cassola komplew żiedu l-allegrija li kienet tirrenja f'dan il-contest.

F'dan il-contest deher għall-ewwel darba fil-pubbliku l-Guitar Group Misidjan "The Shelmars". F'din l-ewwel dehra tagħhom taw pjaċir ħafna lil min kien preżenti.

Fl-aħħarnett ġew imħabbra r-rebbieħa. Ir-rebbieħa ta' l-ewwel u t-tieni grupp kienu Paul Stone u Edward Darmanin rispettivament, bil-kanzunetti *Vorrei volare* u *Se avessi*. Edward Darmanin ser jirrappreżenta liż-Ż.H.N. ta' l-Imsida fil-contest għall-"Kanarin tad-Deheb". Nawgurawlu suċċess.

## RIŻULTAT TA' LOTTERIJA

Il-Lotterija b'risq iż-Żgħażagħ Haddiema Nsara ntrebħet minn Mrs. Emmanuela Spiteri, 47, Guardamangia Hill, Pietà.

## SUĊĊESS FL-AWSTRALJA

Tfajla mill-Imsida — is-Sinjurina Virginia Muscat — rebħet l-unur ta' "Miss Malta" f'kompetizzjoni bejn it-tfajliet Maltin li saret f'Adelaide, l-Awstralja.

L-inizjattiva ta' din il-kompetizzjoni kienet tal-Maltese Guild ta' l-Awstralja. Aħna nifirħulha.

CYCLE STORE
PROP. JOSEPH CAUCHI
78, RUE D'ARGENS - MSIDA
BICYCLES for SALE or HIRE
SPARE PARTS ALWAYS in STOCK
FOOTBALL COVERS, BLADDERS and REPAIR OUTFIT
PHONE. Sl. 31967
OPEN ALL DAYS
FILMS for SALE
ALSO DEVELOPED and PRINTED
ELECTRICAL GOODS in STOCK

## NIFIRĦU LIX-"SHELMARS"



*(Ritratt: Falzon Studio, B'kara)*

Dan l-aħħar fl-Imsida kellna x-xorti li naraw grupp ta' erba' żgħażagħ iħaddnu t-talent tal-mużika u għaqqdu grupp Kitarristiku taħt l-isem ta' "The Shelmars". Aħna għan-nom tal-Board Editorjali tal-gazzetta "L-Imsida" u tal-qarrejja nixtiequlhom suċċess. Il-grupp huwa iffurmat minn:

**Patrick Sciberras** (Base Guitar u Leader) li twieled l-Imsida fit-22 ta' Jannar, 1945. Il-hobby tiegħu huwa ż-żfin.

**Vincent Vasallo** twieled l-Imsida fil-15 ta' Mejju, 1945 u jdoqq ir-Rhythm. Il-hobby tiegħu huwa l-qari.

**Renald Ellul** twieled il-Marsa fis-17 ta' Lulju, 1946. Idoqq il-lead u l-hobby tiegħu huwa d-daqq tad-diski.

**Joe Brincat** twieled l-Imsida fl-10 ta' April, 1945; idoqq id-drums. Il-hobby tiegħu huwa l-films.

**Desmond Richard Brinkworth** huwa l-kantant tal-Grupp u huwa twieled tas-Sliema. fis-27 ta' Awissu, 1943. Il-hobby tiegħu huwa l-għawm.

ABC
STATIONERS & PRINTERS
NEWSAGENTS & PHOTOGRAPHERS
FOR QUALITY PRINTING AND QUICK SERVICE
201, OLD BAKERY STREET
3/5, SOUTH STREET
VALLETTA

FALZON'S PHOTO STUDIO
CAMERAS, FILMS
& PHOTO GOODS DEALER
Passports, Portraits, Weddings, Parties and other social activities by appointment.
88, MANNARINO ROAD, BIRKIRKARA
or apply at
3, NEW STREET, MSIDA

# "L-IMSIDA"

Għeiżeż Misidjani,

Il-ġurnal "L-Imsida" l-lum kulħadd sar jaf bih, jaf x'inhu u jaf ukoll x'ikun fih. Wara biss ftit ħarġiet, il-ġurnal ħa isem tajjeb ma' kulħadd.

Għalhekk, għandna nkunu kburin bih, aħna n-nies tal-parroċċa Msida - Pieta', u nixtruh, naqrawh u nxerrduh ma' kulħadd.

Il-Board Editorjali, għalhekk, jixtieq li kull familja tagħmel abbonament fil-ġurnal għall-ħlas biss ta' 2/6 fis-sena. Kull abbonat jirċievi l-ġurnal id-dar bil-posta, malli dan jiġi pubblikat.

Għalhekk, jekk jogħġbok, imla l-formola ta' hawn taħt. Aħna niġu niġbruha flimkien ma' 2/6 ma ndumux. u ibghatu flimkien ma 2/6 f'numru 5, Church street, Msida, jew tigha lill xi membru tal-Board.

Grazzi ħafna.

BOARD EDITORJALI.

---

Isem u Kunjom ..........................................

Indirizz sħiħ ..........................................

Data ..........................